# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta tat-12 t'Ottubru 2023

**Rikors Numru : 86/2023 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**SV**

**vs**

**CVM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' SV datat 16 ta' Frar 2023, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi huwa zzewweg lill-intimata CVM, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 595682M fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hamsa (2005) fil-Parrocca Marija Immakulata, Omm il-Knisja, Ibragg, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru tnejn, zero, tmienja, tlieta zbarra elfejn u hamsa (2083/2005), u dan kif jirrizulta minn kopja fotostatika tac-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';*

2. *Illi l-kontendenti partijiet xoljew u llikwidaw il-kommunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali ta' Kuntratt ta' Separazzjoni li kien gie ippubblikat min-Nutar Dottor Sharon Faith Farrugia fis-sitta (6) t'Awwissu tas-sena elfejn u hmistax (2015), kopja fotostatika qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'B';*

3. *Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg iddekadew reciprokament mid-dritt li jitolbu u jottjenu*

*manteniment fil-konfront ta' xulxin;*

4. *Illi l-istess partijiet ghandhom tlett itfal bl-isem ta' LV, illum ta' eta' maggorenni, MV u SV, ta' eta' minuri. L-istess ulied ghajr ghal LV qieghdin jircievu manteniment adegwat fil-konfront taghhom u li ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi kwalsiasi obbligi ta' manteniment gew effettivament regolati fl-istess Kuntratt ta' firda personali ippubblikat u konsegwentement ma tezisti ebda kwestjoni f'dan ir-rigward;*

5. *Illi r-rikorrenti iddiskuta mal-konsulent legali tieghu, hawn sottofirmata, il-possibilita' ta' rikonciljazzjoni taz-zwieg odjern, u kkonkluda li m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni;*

6. *Illi illum il-gurnata ghaddew aktar minn seba' (7) snin mid-data tal-Kuntratt ta' Separazzjoni tal-kontendenti partijiet;*

7. *Illi in vista ta' dak premess, jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-Ligi ghall-hall taz-zwieg odjern u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti Silvio Vella jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara z-zwieg odjern mahlul u sussegwentement tippronunzja li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-Ligi, u;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imħolli għal daqshekk minn din l-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jirregistrah fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata ma pprezentat ebda risposta pero' xehdet permezz ta' affidavit (Vide Fol 25).

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 27) illi l-kontendenti zzewgu nhar it-28 t'Ottubru 2005 u li minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, wahda llum maggjorenni u t-tnejn l-ohra minorenni. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dr Sharon Faith Farrugia datat 6 t'Awwissu 2015. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li l-kontendenti jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Sostna illi ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment.

L-intimata xehdet (Vide Fol 25) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-28 t'Ottubru 2005, liema zwieg jgib certifikat numru 2083/2005 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu tlett tifal, wahda illum magjorenni u tnejn ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in att tan-Nutar

Dr Sharon Faith Farrugia datat 6 t'Awwissu 2015. (Vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxiela tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2083/2005 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqgu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**